**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Lulju 2018 – WP vs EUIPO**

**(Kawża T-407/18)**

(2018/C 319/21)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* WP (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-EUIPO tas-6 ta' Ottubru 2017 li tirrifjuta t-tieni tiġdid tal-kuntratt tar-rikorrent bħala membru tal-persunal temporanju skont l-Artikolu 2(f) tal-KIAO (Kondizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea); u

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, l-EUIPO kiser il-prinċipju ta' legalità billi kiser id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (Regolamenti) u tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (KIAO) jiġifieri l-Artikolu 56 tal-KIAO u l-Artikolu 110 tar-Regolamenti u li d-deċiżjoni kkontestata hija nieqsa minn kull bażi legali oħra.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, l-EUIPO kiser il-prinċipju ta' legalità, wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni u naqas mid-dmir tiegħu ta' premura lejn il-persunal.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, l-EUIPO kiser ir-rekwiżiti tar-Regolament 45/2001 ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 27(1) u (2)(b).

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, l-EUIPO kiser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

([1]) Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 26, p. 102).

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' Lulju 2018 – Aristoteleio Panepistimio Thessalonikis vs L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA)**

**(Kawża T-408/18)**

(2018/C 319/22)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Aristoteleio Panepistimio Thessalonikis (Thessaloniki, il-Greċja) (rappreżentant: S. Paliou, lawyer)

*Konvenuta:* L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara li t-talba tal-konvenuta, li tinsab fin-nota ta' debitu Nru 3241804913 tas-16 ta' April 2018, li r-rikorrenti tħallas lura parti mis-sussidju li rċeviet għall-azzjoni ENHSA (European Network of Heads of Schools of Architecture) hija infondata fir-rigward tas-somma ta' EUR 77 169,78 u tiddikjara li dik is-somma tikkorrespondi għal spejjeż eliġibbli;

— tiddikjara li t-talba tal-konvenuta, li tinsab fin-nota ta' debitu Nru 3241804682 tad-9 ta' April 2018, li r-rikorrenti tħallas lura parti mis-sussidju li rċeviet għall-azzjoni ARCHI-MUNDUS, fl-ammont ta' EUR 28 976,83, hija infondata u tiddikjara li dik is-somma tikkorrespondi għal spejjeż eliġibbli;

— tordna lill-konvenuta tħallas lura s-somom imsemmija hawn fuq flimkien mal-interessi legali; u

— tordna lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura tħallas l-ispejjeż tar-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Permezz ta' dan ir-rikors, Aristoteleio Panepistimio Thessalonikis tikkontesta t-talba magħmula mill-EACEA permezz tan-nota ta' debitu Nru 3241804913 tas-16 ta' April 2018 fl-ammont ta' EUR 84 955,12 relatata mal-azzjoni ENHSA. Aristoteleio Panepistimio Thessalonikis tikkontesta wkoll it-talba li l-EACEA għamlet permezz tan-nota ta' debitu Nru 3241804682 tad-9 ta' April 2018 fl-ammont ta' EUR 28 976,83 relatata mal-azzjoni ARCHI-MUNDUS.

Dawn it-talbiet saru wara li l-EACEA wettqet spezzjoni fuq il-post fil-bini tar-rikorrenti fejn l-EACEA kkontestat ir-realtà tal-ispejjeż relatati mal-allowance b'rata fissa konnessa mal-konferenzi li seħħew fil-kuntest tal-azzjonijiet ENHSA u ARCHI-MUNDUS.

F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tiddikjara li l-allowance b'rata fissa (*per diem*) għall-parteċipanti li ma jitkellmux bil-Grieg għall-konferenzi relatati maż-żewġ azzjonijiet tikkorrispondi għal spejjeż eliġibbli.

Aristoteleio Panepistimio Thessalonikis issostni li l-ispejjeż ikkontestati mill-EACEA huma eliġibbli. Dan huwa kkonfermat permezz tal-materjal li r-rikorrenti ssottomettiet lill-EACEA matul l-ispezzjoni fuq il-post u permezz ta' korrispondenza ssusegwenti.

---

**Rikors ippreżentat fl-10 ta' Lulju 2018 – Crédit agricole u Crédit agricole Corporate and Investment Bank vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-419/18)**

(2018/C 319/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Crédit agricole SA (Montrouge, Franza) u Crédit agricole Corporate and Investment Bank (Montrouge) (rappreżentanti: J.-P. Tran Thiet, M. Powell, J. Jourdan u J.-J. Lemonnier, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea